**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Gunju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 213/2021 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**L-Avukat Joseph P. Bonnici u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina li b'digriet tat-18 ta' Awwissu 2021, gew appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi mhux maghrufa tal-mejjet Stephen John Cotterill (Passaport numru 650603590)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà HSBC Bank Malta plc, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza tat-18 ta' Ottubru 2006, l-attur HSBC Bank Malta p.l.c., ikkonceda facilità bankarja ossia Home Loan lil Stephen John Cotterill.

Il-konvenut naqas milli jaghmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u ghaldaqstant huwa ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess *sanction letter* kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv.

Fuq dan is-self il-konvenut huwa ghalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mitejn u disghin elf, tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€290,855.13), liema somma tirrapprezenta kwantu ghal mija u tmienja u sittin elf, seba' mija u sebghin Ewro u disa' u disghin centezmu (€168,770.99) kapital u kwantu ghal mija u tnejn u ghoxrin elf u erba' u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€122,084.14) bhala imghaxijiet ikkalkulati sat-8 ta' Frar 2021 u salvi imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' Home Loan Facility li gie koncess permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza ta-18 ta' Ottubru 2006.

Ghalkemm interpellat sabies ihallas l-ammont dovut anke permezz ta' ittra ufficcjali datata l-15 ta' Frar 2016, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debituri fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mitejn u disghin elf, tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€290,855.13) oltre l-imghax legali ulterjuri mid-9 ta' Frar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Tikkundanna ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mitejn u disghin elf, tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€290,855.13) oltre l-imghax legali ulterjuri mid-9 ta' Frar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 15 ta' Frar 2016 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Avukat Dottor Joseph P. Bonnici u l-PL Daniel Aquilina maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Stephen John Cotterill li permezz tagħha eċċepew illi:

L-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw minn issa sabiex jaghmlu risposti ulterjuri una volta jkollhom aktar informazzjoni.

Trid issir d-debita verifika dwar l-opportuna ricerka li saret dwar ezistenza f'Malta tal-eredi tad-decuius kif ukoll tal-attiv u passiv tieghu u trasferimenti, inkluz il-pussess u/jew okkupazzjoni tal-fond urban meritu tal-koncessjoni bankarja finanzjarja ghall-akkwist tal-proprjetà.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank rikorrenti naqas li jitlob id-dikjarazzjoni tad-dekedenza tat-terminu tal-pagament u ghalhekk ma setghux isiru z-zewg talbiet l-ohra indikati fir-rikors promotur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid issir id-debita verifika tal-pagamenti li saru u tal-komputazzjoni tal-interessi.

Salv risposti ulterjuri.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa ta' kuntratt tat-18 ta' Ottubru 2006. Permezz ta' dawn il-proċeduri, il-bank attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu tal-faċilità bankarja mogħtija lil Stephen John Cotterill, illum mejjet, inkluż l-imgħaxijiet, għaliex jgħid li l-eredi tal-mejjet debitur tiegħu baqgħu qatt ma identifikaw ruħhom u lanqas għaddew sabiex iħallsu d-dejn li kellu Cotterill mal-bank.

Mill-atti jirriżulta li Stephen John Cotterill kien ingħata faċilità ta' self mill-bank attur fl-ammont ta' €175,052.41 permezz ta' kuntratt pubbliku tat-18 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza. Wara s-7 ta' Novembru 2007 huwa waqaf jagħmel pagamenti. Fil-21 ta' Mejju 2008 ċertu Christine Cotterill, li introduċiet ruħha mal-bank bħala l-eredi ta' Stephen John Cotterill, infurmat lill-bank bil-mewt tiegħu.

Il-bank ipprova jerġa jagħmel kuntatt ma' Christine Cotterill iżda eventwalment tilef kull kuntatt magħha u allura ma kienx possibbli li jistabbilixxi l-eredità tal-mejjet. Billi l-bank lanqas seta' jintraċċa lil Christine Cotterill sabiex iservi l-bandu tal-kuraturi, talab lill-Qorti sabiex taħtar kuraturi hi sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet.

Mill-provi prodotti mill-bank attur il-Qorti hija sodisfatta li l-eredi ta' Stephen John Cotterill huma debituri tal-istess bank fis-somma li sat-8 ta' Frar 2021 kienet tammonta għal €290,855.13 inkluż imgħaxijiet sa dakinhar.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li:

> *"il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tippruvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabilità."* - (Nicola Callus et vs Nicolina Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ġunju 1959. Ara wkoll Joseph Mallia et vs JD Lifts Supplies Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta' Diċembru 2006).

Il-konvenuti noe jeċċepixxu illi trid issir id-debita verifika dwar l-eżistenza tal-eredi tal-mejjet u kif ukoll tal-attiv u passiv tiegħu inkluż trasferimenti.  Madanakollu, dan kollu mhuwiex meħtieġ għal finijiet ta' din il-kawża fejn il-bank qiegħed jitlob li jiġi kanonizzat kreditur tal-eredi tal-mejjet u sabiex l-istess eredi jiġu kkundannati jħallsu l-flus dovuti.

Il-konvenuti noe jeċċepixxu wkoll illi l-bank attur naqas milli jitlob dikjarazzjoni tad-dekadenza tat-terminu tal-pagament u allura t-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu akkolti.  Iżda lanqas din l-eċċezzjoni m'għandha mis-sewwa.  Kif paċifikament akkolt,

> "*id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi ma hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domanda.*" - (Gloria Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998).

Fid-dawl ta' dan kollu u ġialadarba l-provi miġjuba mill-bank attur ma ġewx kontradetti, il-Qorti ssib illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti noe m'humiex mistħoqqa u t-talbiet dedotti fir-rikors maħluf jimmeritaw li jiġu akkolti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-konvenuti nomine, b'dana illi d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu provizorjament mill-Bank rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG